**18 ta' Marzu, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Buttigieg, Dennis Gravina, Mario R. Psaila u Carmel *sive* Charles Portelli

*versus*

Avukat Dottor Riccardo Farrugia bħala *Chairman* u Alexander Gollcher bħala *General Manager* għan-nom u in rappresentanza tal-*Mid-Med Bank Limited* u b'digriet mogħti fid-9 ta' April, 1989, ġew kjamati fil-kawża l-azzjonisti tal-*Mid-Med Bank* li skond nota tal-konvenut ippreżentata fit-2 ta' Mejju, 1989, huma:

1. Michael Soler *Chairman Malta Development Corporation;* 2. George Borg, *Secretary General Government of Malta;* u b'digriet tad-19 ta' Ġunju, 1989, Anthony Vella fil-kwalità tiegħu ta' *General Manager* ta' *Mid-Med Bank Limited,* assuma l-atti fil-kawża minflok Alexander Gollcher u b'nota tal-31 ta' Lulju, 1990, il-Professur Joseph V. Bannister assuma l-atti tal-kawża minflok Michael Soler peress li bħalissa huwa *Chairman* tal-korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp minflok l-imsemmi Michael Soler

**Bank – Inkompetenza – Interess – Interess Ġuridiku**

*Appell minn sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza. L-appellanti Malta Development Corporation fil-mori tal-kawża ttrasferiet l-azzjonijiet tagħha fil-Banka konvenuta. Ir-rilevanza ta' dan l-Appell huwa l-mod kif il-Qorti ta' l-Appell interpellat in-nozzjoni ta' l-interess ta' l-appellant.*

1. Fil-Qorti tal-Kummerċ ġiet ippreżentata din iċ-ċitazzjoni fejn l-atturi talbu lil dik il-Qorti tillikwida s-sehem li jispetta lil kull wieħed minnhom mill-qligħ "*gross*" tal-banka konvenuta skond il-klawsola tnax (12) tal-ftehim kollettiv tal-31 ta' Mejju, 1988, u li tikkundanna lill-konvenuti li jħallsuhom l-ammont hekk illikwidat;

2. Waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-istess Qorti tal-Kummerċ, fid-19 ta' April, 1989, ordnat il-kjamata in kawża ta' l-azzjonisti tal-Bank. Dawn kienu l-Gvern ta' Malta, u l-*Malta Development Corporation;*

3. Fid-19 ta' Settembru, 1990, l-istess Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat sentenza li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza li kienet ġiet issollevata mill-*Malta Development Corporation;*

4. L-istess *Malta Development Corporation* appellat

għaliex ħasset ruħha aggravata bis-sentenza għar-raġunijiet esposti fl-istess petizzjoni tagħha, li però m'humiex rilevanti għall-iskopijiet ta' din il-preżenti sentenza;

Fis-26 ta' Frar, 1993, il-Qorti ġiet ikkonfrontata b'Nota tal-*Malta Government Investments Limited*, biex tassumi l-atti tal-kawża flok il-*Malta Development Corporation*, *stante* illi l-azzjonijiet li din ta' l-aħħar kellha fil-*Mid-Med Bank Limited* ġew issa akkwistati minnha, u l-*Malta Development Corporation* m'għadhiex azzjonista ta' l-istess *Mid-Med Bank Limited;*

6. Ġie kkonstatat, illi ma sar ebda trasferiment tad-dritt litiġjuż f'din il-kawża, mill-persuna ġuridika *Malta Development Corporation*, ġà proprjetarja ta' xi azzjonijiet fil-*Mid-Med Bank Company Limited* għal, jew lill-persuna ġuridika l-oħra *Malta Government Investments Ltd.* li issa hija l-propretarja ta' l-istess azzjonijiet;

7. Dan id-dritt litiġjuż, m'huwiex parti essenzjali u indiviżibbli mill-patrimonju li l-*Malta Development Corporation* kellha fil-kumpanija bankarja imma huwa parti mill-patrimonju ta' l-istess korporazzjoni. Meta din però svestiet ruħha mill-azzjonijiet u ttrasferithom lil ħaddieħor – spiċċalha l-interess ġuridiku essenzjali biex hija tibqa' fil-kawża, inkwantu hija kienet parti fiha, unikament għaliex kienet proprjetarja ta' dawk l-azzjonijiet;

8. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tidħol biex tikkunsidra l-mertu ta' l-appell inkwantu l-appellanti korporazzjoni llum m'għandhiex aktar interess li tkompli miexja bl-istess appell;

Konsegwentement ukoll, l-istess *Malta Development Corporation,* inkwantu m'għandhiex aktar il-kwalifika li oriġinarjament daħħlitha fil-kawża – hija maħruġa mill-istess kawża li fiha issa m'għandhiex aktar parti u għall-bqija – tiddikjara d-dritt ta' appell ta' l-istess korporazzjoni estint – spejjeż għall-istess *Malta Development Corporation;*

L-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ biex il-kawża tkompli tiġi ttrattata skond il-liġi.